2026/1732

14.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/1732

tal-1 ta' Lulju 2026

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-rigward ta' Ġibiltà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(5) u (7) u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-dekolonizzazzjoni tat-territorju ta' Ġibiltà ("Ġibiltà") jelenkaw lil Ġibiltà bħala "Territorju Mhux Awtonomu Amministrat mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq" bl-applikazzjoni tal-Kapitolu XI tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

(2) F'konformità mal-Artikolu 774(3) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra [1], (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni") u f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ftehimiet futuri inkluża fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Novembru 2018, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni la japplika għal Ġibiltà u lanqas ma għandu effetti f'dak it-territorju. Kif previst f'dik id-Dikjarazzjoni, "dan ma jipprekludix il-possibbiltà li jkun hemm ftehimiet separati bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fir-rigward ta' Ġibiltà" u, "mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Unjoni u b'rispett sħiħ għall-integrità territorjali tal-Istati Membri tagħha kif garantita mill-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dawk il-ftehimiet separati ser jirrikjedu qbil minn qabel mir-Renju ta' Spanja".

(3) Fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-Renju ta' Spanja ("Spanja") esprima x-xewqa tiegħu li l-Unjoni tistabbilixxi arranġament wiesa' u bbilanċjat fir-rigward ta' Ġibiltà bbażat fuq il-qafas politiku maqbul bejn Spanja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-"Renju Unit") għal ftehim dwar Ġibiltà.

(4) Fil-5 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Renju Unit għal ftehim fir-rigward ta' Ġibiltà.

(5) In-negozjati tlestew fit-12 ta' Diċembru 2025. Dawn irriżultaw fil-Ftehim fir-rigward ta' Ġibiltà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim").

(6) Il-Ftehim, jew kwalunkwe attività jew miżura meħuda fl-applikazzjoni jew bħala riżultat tiegħu, ma jimplika l-ebda modifika tal-pożizzjoni legali ta' Spanja fir-rigward tas-sovranità u l-ġurisdizzjoni fir-rigward ta' Ġibiltà.

(7) Peress li l-awtoritajiet ta' Ġibiltà għandhom karattru lokali u jeżerċitaw esklussivament kompetenzi interni, jenħtieġ li kwalunkwe parteċipazzjoni ta' dawk l-awtoritajiet fl-applikazzjoni ta-Ftehim titqies li twettqet eskluživament fil-kompetenzi interni ta' Ġibiltà, sakemm ma jkunx previst speċifikament mod ieħor.

[1] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

(8) Il-Ftehim jistabbilixxi l-bażi għat-tneħħija tal-ostakli fiżiċi kollha bejn l-Unjoni u Ġibiltà u jippromwovi prosperità kondiviża u relazzjonijiet mill-qrib u kostruttivi fir-rigward ta' Ġibiltà u ż-żona kontigwa fi Spanja, li jinvolvu drittijiet u obbligi reċiproċi, azzjonijiet komuni u proċeduri speċjali.

(9) It-tneħħija tal-ostakli fiżiċi bejn l-Unjoni u Ġibiltà hija mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet ta' Spanja fuq il-fruntieri esterni tagħha skont id-dritt tal-Unjoni.

(10) Il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), għandha tirrappreżenta lill-Unjoni u tesprimi l-pożizzjonijiet tal-Unjoni kif stabbiliti mill-Kunsill f'konformità mat-Trattati. Il-Kunsill għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' tfassil ta' politiki u ta' koordinazzjoni kif previst fl-Artikolu 16(1) TUE billi jistabbilixxi l-pożizzjonijiet li jridu jittieħdu f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni u fil-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti mill-Ftehim. Barra minn hekk, fejn il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jew il-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti bil-Ftehim jintalbu jadottaw atti b'effetti legali, il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni f'dawk il-korpi konġunti għandhom ikunu stabbiliti f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

(11) Jenħtieġ li kull Stat Membru jkun jista' jibgħat rappreżentant wieħed biex jakkumpanja lir-rappreżentant tal-Kummissjoni, bħala parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni, fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni u ta' Kumitati Speċjalizzati stabbiliti skont il-Ftehim.

(12) Il-Parlament Ewropew irid jiġi infurmat immedjatament u bis-sħiħ, kif previst fl-Artikolu 218(10) TFUE sabiex ikun jista' jeżerċita bis-sħiħ il-prerogattivi tiegħu skont it-Trattati.

(13) Spanja, bħala l-Istat ġar fiż-żona Schengen inkarigat mit-twettiq ta' kontroll tal-fruntieri esterni fil-port u l-ajruport ta' Ġibiltà, tista', wara evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tat-Tieni Parti tal-Ftehim, dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-persuni, titlob lill-Unjoni biex ittemm il-Ftehim.

(14) Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' Spanja jkunu l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim relatati mad-dwana. Fil-każ eċċezzjonali msemmi fil-punt 2 tal-Appendiċi 1 tal-Anness 21 tal-Ftehim, jenħtieġ li l-awtoritajiet tar-Repubblika Portugiża jkunu l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim relatati mad-dwana.

(15) Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' Spanja jipprovdu l-valutazzjoni tal-funzjonament tal-arranġamenti amministrattivi bilaterali rilevanti, li ser ikunu parti mill-evalwazzjoni mill-Kunsill ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim tal-implimentazzjoni tat-Tieni Parti tal-Ftehim wara perijodu ta' 4 snin.

(16) Il-funzjonament xieraq tal-Ftehim jirrikjedi li Spanja u r-Renju Unit jikkonkludu pjan ta' implimentazzjoni u ċerti arranġamenti amministrattivi. Fin-nuqqas ta' dak il-pjan u dawk l-arranġamenti, il-partijiet rispettivi tal-Ftehim ma jistgħux jiġu applikati. Għalhekk ikun meħtieġ li tiġi prevista s-sospensjoni tal-partijiet rispettivi tal-Ftehim għall-perijodu ta' żmien li matulu l-pjan ta' implimentazzjoni jew l-arranġamenti amministrattivi jiġu sospiżi jew itterminati minn Spanja. Sabiex jiġu rispettati l-prerogattivi tal-Kunsill skont it-Trattati, jenħtieġ li Spanja tinforma lill-Kummissjoni u lill-Kunsill minn qabel u jenħtieġ li tqis il-fehmiet espressi qabel tipproċedi b'tali sospensjoni jew terminazzjoni tal-pjan ta' implimentazzjoni jew ta' kwalunkwe arranġament amministrattiv.

(17) Skont l-Artikolu 218(7) TFUE, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tiddeċiedi dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti skont il-Ftehim fir-rigward tal-estensjoni tal-applikazzjoni tal-atti ġuridiċi tal-Unjoni għar-Renju Unit, fir-rigward ta' Ġibiltà, bil-ħsieb li tiġi żgurata, sa fejn ikun possibbli, l-applikazzjoni simultanja ta' dawk l-atti ġuridiċi fl-Unjoni u fir-Renju Unit, fir-rigward ta' Ġibiltà.

(18) Huwa xieraq ukoll li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata, skont l-Artikolu 218(7) TFUE, tapprova, f'isem l-Unjoni, ċerti modifiki tekniċi għall-Ftehim. Għal deċiżjonijiet oħra adottati mill-Kumitati Speċjalizzati, jenħtieġ li l-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni jiġu stabbiliti f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218(9) TFUE.

(19) Bil-ħsieb li l-Unjoni tkun tista' tieħu azzjoni rapida u effettiva biex tipproteġi l-interessi tagħha f'konformità mal-Ftehim, u f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tieħu miżuri ta' riekwilibriju u ta' rimedju u li tiddeċiedi dwar is-sospensjoni mmirata ta' obbligi speċifiċi skont il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim supplimentari, f'każijiet ta' ksur ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim jew ta' nuqqas ta' ssodisfar ta' ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma taċ-ċirkolazzjoni ta' persuni, tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, tal-għajnuna mill-Istat, tat-tassazzjoni indiretta u tal-kummerċ tal-merkanzija, u tat-trasport bit-triq. Jenħtieġ li s-sospensjoni tal-Ftehim kollu jew ta' parti minnu jew ta' kwalunkwe ftehim supplimentari, lil hinn mis-sospensjoni mmirata ta' obbligi speċifiċi, tiġi deċiża f'konformità mal-Artikolu 218(9) TFUE.

(20) Meta titqies is-sitwazzjoni speċifika ħafna ta' Spanja, li hija l-Istat Membru ġar u li għandha rwol sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim, huwa xieraq li jiġi previst li l-Kummissjoni tikkonsulta lil Spanja qabel ma tadotta d-deċiżjonijiet imsemmija f'din id-Deċiżjoni u qabel ma tagħmel il-proposti xierqa lill-Kunsill.

(21) Kull meta l-Unjoni tkun meħtieġa taġixxi sabiex tikkonformamal-Ftehim, tali azzjoni għandha tittieħed f'konformità mat-Trattati, filwaqt li jiġu rrispettati l-limiti tas-setgħat mogħtija lil kull istituzzjoni tal-Unjoni. Hija għalhekk il-Kummissjoni li trid tipprovdi lir-Renju Unit bl-informazzjoni jew in-notifiki meħtieġa mill-Ftehim, ħlief fejn il-Ftehim jirreferi għal istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji speċifiċi oħra tal-Unjoni, u li trid tikkonsulta mar-Renju Unit dwar kwistjonijiet speċifiċi. Hija wkoll il-Kummissjoni li trid tirrappreżenta lill-Unjoni quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ meta jkun ġie ppreżentat xi tilwim għall-arbitraġġ f'konformità mal-Ftehim.

(22) Fid-dawl tal-karattru eċċezzjonali u uniku tal-Ftehim, li – bħal fil-każtal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni – huwa konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, il-Kunsill b'dan qed jiddeċiedi li jagħmel użu, b'mod eċċezzjonali, mill-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita l-kompetenza esterna tagħha fir-rigward tar-Renju Unit, fir-rigward ta' Ġibiltà. L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni permezz tal-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri b'rabta ma' kwalunkwe negozjar li għaddej jew futur dwar ftehimiet internazzjonali, jew dwar l-iffirmar jew il-konklużjoni tagħhom ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor, jew b'rabta ma' kwalunkwe negozjar futur dwar kwalunkwe ftehim supplimentari, jew dwar l-iffirmar jew il-konklużjoni tiegħu, imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Ftehim.

(23) Għalhekk, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, li jsiru d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-interpretazzjoni tal-kategorija ta' persuni li jivvjaġġaw bl-iskop li jwettqu attività bi ħlas kif previst fl-Artikolu 41(2) tal-Ftehim, id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta dwar il-ġlieda kontra r-reġimi tat-taxxa dannużi u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Unjoni Ewropea u tar-Renju Unit relatata mal-Artikolu 152(1) tal-Ftehim u li jenħtieġ li jiġi approvat it-test propost mill-Kummissjoni għal dikjarazzjoni dwar is-supplimentazzjoni tal-konnettività tat-trasport bit-triq ta' Ġibiltà.

(24) Billi jneħħi l-ostakli fiżiċi kollha għaċ-ċirkolazzjoni ta' persuni u l-moviment tal-oġġetti bejn l-Unjoni u Ġibiltà, il-Ftehim ser jillimita t-tfixkil għall-individwi, in-negozji u partijiet ikkonċernati oħra li joperaw fiż-żona kkawżat mill-użu sħiħ tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Għalhekk jenħtieġ li jiġi applikat fuq bażi provviżorja, sa meta jidħol fis-seħħ..

(25) L-iffirmar tal-Ftehim fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika huwa soġġett għal proċedura separata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, fir-rigward ta' kwistjonijiet għajr dawk li jaqgħu taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika , tal-Ftehim fir-rigward ta' Ġibiltà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([2]) (il-"Ftehim") f'isem l-Unjoni huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim.

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni u fil-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti skont l-Artikoli 22 u 23 tal-Ftehim.

2. Kull Stat Membru, b'mod partikolari Spanja, għandu jitħalla jibgħat rappreżentant wieħed biex jakkumpanja lir-rappreżentant tal-Kummissjoni, bħala parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni, fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni u tal-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti skont il-Ftehim.

3. Sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jeżerċita b'mod sħiħ il-funzjonijiet tiegħu ta' tfassil ta' politiki, ta' koordinazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'konformità mat-Trattati, b'mod partikolari bl-istabbiliment tal-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Kooperazzjoni u l-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti skont il-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Kunsill jirċievi l-informazzjoni u d-dokumenti kollha relatati ma' kull laqgħa ta' dawk il-korpi konġunti jew ma' kwalunkwe att li għandu jiġi adottat permezz tal-proċedura bil-miktub fi żmien suffiċjenti qabel dik il-laqgħa jew dak l-użu tal-proċedura bil-miktub, u fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 8 ġranet tax-xogħol qabel dik il-laqgħa jew dak l-użu tal-proċedura bil-miktub.

Il-Kunsill għandu jiġi infurmat ukoll fil-ħin dwar id-diskussjonijiet u l-eżitu tal-laqgħat tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni u tal-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti skont il-Ftehim u l-użu tal-proċedura bil-miktub, u għandu jirċievi abbozz tal-minuti u d-dokumenti kollha relatati ma' tali laqgħat jew użu tal-proċedura bil-miktub.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, fejn xieraq.

Artikolu 3

1. Il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti bl-Artikolu 23(1) tal-Ftehim fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' dawk il-Kumitati li sempliċiment jestendu l-applikazzjoni tal-atti ġuridiċi tal-Unjoni għar-Renju Unit, fir-rigward ta' Ġibiltà, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

2. Il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottatif'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti bl-Artikolu 23(1) tal-Ftehim fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' dawk il-Kumitati dwar modifiki tekniċi tal-Ftehim skont l-Artikolu 75(3), l-Artikolu 92(3), l-Artikolu 123(2), l-Artikolu 125(2), l-Artikolu 154(3), l-Artikolu 184(7), l-Artikolu 257(5) u l-Artikolu 283(5), il-punti (a) u (d), tal-Ftehim għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Artikolu 4

1. Kwalunkwe deċiżjoni tal-Unjoni li tieħu l-miżuri li ġejjin skont il-Ftehim għandha tittieħed mill-Kummissjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Ftehim:

(a) is-sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-obbligi f'konformità mal-Artikolu 67;

(b) l-applikazzjoni ta' miżuri ta' riekwilibriju kif stipulat fl-Artikolu 198(6);

(c) l-applikazzjoni ta' miżuri ta' rimedju kif stipulat fl-Artikolu 209(3);

(d) l-użu tal-proċedura ta' salvagwardja prevista fl-Artikolu 249;

(e) is-sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-obbligi f'konformità mal-Artikolu 252(2) jew l-applikazzjoni ta' miżuri kif stabbilit fl-Artikolu 252(3);

(f) l-applikazzjoni ta' miżuri ta' rimedju kif stipulat fl-Artikolu 284.

([2]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, 2026/1562, 14.7.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2026/1562/oj.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill fil-ħin bl-intenzjoni tagħha li tadotta kwalunkwe waħda mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 bil-ħsieb li tippermetti skambju sinifikattiv ta' fehmiet fil-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-akbar kunsiderazzjoni tal-fehmiet espressi. Il-Kummissjoni għandha tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew, fejn xieraq.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri li jerġgħu jistabbilixxu d-drittijiet u l-obbligi skont il-Ftehim kif kienu jeżistu qabel l-adozzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1. Il-paragrafu 2 għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 5

Qabel ma tadotta kwalunkwe deċiżjoni abbażi ta' din id-Deċiżjoni, u qabel ma tagħmel kwalunkwe proposta lill-Kunsill fir-rigward tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lil' Spanja.

Artikolu 6

1. Spanja għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni minn qabel bis-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-pjan ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 7 tal-Ftehim (il-"pjan ta' implimentazzjoni") jew tal-arranġamenti amministrattivi msemmija fl-Artikoli 29, 33, 38, 55, 56, 251, 260 u 265 tal-Ftehim u fil-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali (l-"arranġamenti amministrattivi") bil-ħsieb li jkun jista' jsir skambju sinifikanti ta' fehmiet fil-Kunsill qabel tali sospensjoni jew terminazzjoni. Spanja għandha tieħu kont tal-fehmiet espressi.

2. Spanja għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bis-sospensjoni jew it-terminazzjoni mir-Renju Unit tal-pjan ta' implimentazzjoni jew tal-arranġamenti amministrattivi.

Artikolu 7

L-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni permezz tal-Ftehim għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fi kwalunkwe negozjar li għaddej jew futur dwar ftehimiet internazzjonali, jew dwar l-iffirmar jew il-konklużjoni tagħhom ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor, jew b'rabta ma' kwalunkwe negozjar futur dwar kwalunkwe ftehim supplimentari, jew dwar l-iffirmar jew il-konklużjoni tiegħu, imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Ftehim.

Artikolu 8

1. Spanja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-fatt li l-pjan ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti amministrattivi huma fis-seħħ u ġew implimentati bis-sħiħ.

2. Dment li l-Ftehim ikun ġie ffirmat u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 336(2) tiegħu jiġu ssodisfati, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-15 ta' Lulju 2026, sa meta jidħol fis-seħħ.

3. L-Unjoni għandha tinnotifika lir-Renju Unit, fir-rigward ta' Ġibiltà, dwar it-tlestija tar-rekwiżiti u l-proċeduri interni tal-Unjoni meħtieġa għall-applikazzjoni proviżorja dment li, qabel id-data msemmija fil-paragrafu 2, ir-Renju Unit, fir-rigward ta' Ġibiltà, ikun innotifika lill-Unjoni li jkunu tlestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni tiegħu meħtieġa għall-applikazzjoni proviżorja.

Artikolu 9

1. Id-dikjarazzjonijiet konġunti mehmuża ma' din id-Deċiżjoni huma b'dan approvati:

(a) Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-interpretazzjoni tal-kategorija ta' persuni li jivvjaġġaw bil-għan li jwettqu attività bi ħlas kif previst fl-Artikolu 41(2) tal-Ftehim;

(b) Dikjarazzjoni Politika Konġunta dwar il-ġlieda kontra reġimi tat-taxxa dannużi;

(c) Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea u tar-Renju Unit relatata mal-Artikolu 152(1) tal-Ftehim.

2. Il-Kunsill japprova t-test propost mill-Kummissjoni għal dikjarazzjoni dwar is-supplimentazzjoni tal-konnettività tat-trasport bit-triq ta' Ġibiltà.

3. Il-Kunsill jieħu nota tad-Dikjarazzjoni tar-Renju Unit rigward ftehim mera bejn l-assoċjati ta' Schengen u r-Renju Unit.

Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BYRNE

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-INTERPRETAZZJONI TAL-KATEGORIJA TA' PERSUNI LI JIVVJAĠĠAW BL-ISKOP LI JWETTQU ATTIVITÀ BI ĦLAS KIF PREVIST MILL-ARTIKOLU 41(2) TAL-FTEHIM

Bix-xewqa li tkun żgurata interpretazzjoni komuni, l-Unjoni u r-Renju Unit, fir-rigward ta' Ġibiltà, għall-finijiet tal-Ftehim, il-kategorija ta' persuni li jwettqu attività bi ħlas tkopri lill-persuni li jidħlu fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra bil-għan li jkollhom impjieg bi qligħ jew iwettqu attività b'remunerazzjoni bħala impjegati jew fornituri ta' servizz.

Din il-kategorija ma għandiex tkopri:

(a) negozjanti, jiġifieri persuni li jivvjaġġaw għall-fini ta' deliberazzjoni kummerċjali (mingħajr ma jkunu impjegati fl-Unjoni jew fir-Renju Unit, fir-rigward ta' Ġibiltà);

(b) sportivi jew artisti li jkunu qed iwettqu attività fuq bażi ad-hoc;

(c) ġurnalisti mibgħuta mill-media tal-pajjiż ta' residenza tagħhom; u

(d) trainees intrakorporattivi.

L-implimentazzjoni ta' din id-Dikjarazzjoni għandha tiġi mmonitorjata mill-Kumitat Speċjalizzat dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Persuni, li jista' jipproponi modifiki meta, abbażi tal-esperjenzi tal-Partijiet, iqis li dan ikun meħtieġ.

DIKJARAZZJONI POLITIKA KONĠUNTA DWAR IL-ĠLIEDA KONTRA REĠIMI TAT-TAXXA DANNUŻI

L-Unjoni Ewropea ([1]) u r-Renju Unit, fir-rigward ta' Ġibiltà ("il-Parteċipanti") japprovaw id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta li ġejja dwar il-Ġlieda kontra r-Reġimi tat-Taxxa Dannużi.

Il-parteċipanti, li jirriflettu l-prinċipji globali tal-kompetizzjoni ġusta tat-taxxa, jaffermaw l-impenn tagħhom li jiġġieldu kontra reġimi tat-taxxa dannużi, b'mod partikolari dawk li jistgħu jiffaċilitaw l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt f'konformità mal-Azzjoni 5 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-OECD dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt (BEPS). F'dan il-kuntest, il-Parteċipanti jaffermaw l-impenn tagħhom li japplikaw il-prinċipji fil-ġlieda kontra reġimi tat-taxxa dannużi f'konformità ma' din id-dikjarazzjoni politika konġunta.

Ir-reġimi tat-taxxa dannużi jkopru reġimi ta' tassazzjoni tal-intrapriżi li jaffettwaw jew jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-post tal-attività tan-negozju, inkluż il-post tal-attività ta' gruppi ta' kumpaniji, fi ħdan il-Parteċipanti. Is-sistemi tat-taxxa jinkludu kemm liġijiet jew regolamenti kif ukoll prattiki amministrattivi.

Jekk reġim tat-taxxa jissodisfa l-kriterju gateway tal-impożizzjoni ta' livell effettiv b'mod sinifikanti anqas ta' tassazzjoni minn dawk il-livelli li ġeneralment japplikaw fil-Parteċipanti, inkluż tassazzjoni żero, dan jenħtieġ li jitqies bħala potenzjalment dannuż. Livell ta' tassazzjoni bħal dan jista' jopera bis-saħħa ta' rata ta' taxxa nominali, il-bażi tat-taxxa jew kwalunkwe fattur rilevanti ieħor.

F'dan il-kuntest, u meta jitqies l-approċċ stabbilit fil-livell globali, meta jiġi vvalutat jekk reġim ta' tassazzjoni tan-negozju huwiex ta' ħsara, jenħtieġ li jitqies jekk japplikax wieħed jew aktar mill-fatturi ewlenin li ġejjin:

(a) jekk il-vantaġġi humiex delimitati mill-ekonomija domestika sabiex ma jaffettwawx il-bażi tat-taxxa nazzjonali jew jingħataw biss lil dawk li mhumiex residenti;

(b) jekk ir-reġim li jagħti l-vantaġġi jonqosx milli jirrikjedi xi attività ekonomika sostanzjali u preżenza ekonomika sostanzjali fi ħdan il-Parteċipant li joffri dawn il-vantaġġi fiskali;

(c) jekk ir-regoli għad-determinazzjoni tal-profitt fir-rigward ta' attivitajiet fi ħdan grupp multinazzjonali ta' kumpaniji jitbegħdux minn prinċipji aċċettati internazzjonalment, b'mod partikolari r-regoli miftiehma fi ħdan l-OECD;

(d) jekk ir-reġim tat-taxxa jkunx nieqes mit-trasparenza, inkluż fejn id-dispożizzjonijiet legali jiġu rilassati fil-livell amministrattiv b'mod mhux trasparenti jew fejn ma jkun hemm l-ebda skambju effettiv ta' informazzjoni fir-rigward tar-reġim.

Il-Parteċipanti jista' jkollhom djalogu annwali biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dawn il-Prinċipji .

([1]) Għall-finijiet tal-impenji f'din id-Dikjarazzjoni, fir-rigward tal-Unjoni Ewropea, ir-referenzi għall-Parteċipanti huma mifhuma li huma għall-Unjoni Ewropea, għall-Istati Membri tagħha, jew għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, skont il-każ.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-UNJONI EWROPEA U TAR-RENJU UNIT DWAR L-ARTIKOLU 152(1) TAL-FTEHIM

Il-Partijiet jirrikonoxxu li d-dispożizzjonijiet dwar l-assistenza reċiproka kif jinsabu fil-Kapitolu 6 tat-Titolu V, il-Parti II jikkomplementaw l-istrumenti rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa, kif elenkati fl-Artikolu 152(1), biss sal-punt li dawk l-istrumenti tal-Kunsill tal-Ewropa jkunu applikabbli għal Stat Membru jew għar-Renju Unit, fir-rigward ta' Ġibiltà. Il-Partijiet jikkonfermaw il-fehim reċiproku tagħhom li r-referenzi għal dawk l-istrumenti tal-Kunsill tal-Ewropa ma jagħmluhomx applikabbli għal Stat Membru jew għar-Renju Unit, fir-rigward ta' Ġibiltà, jekk ma jkunux irratifikaw dawk l-istrumenti tal-Kunsill tal-Ewropa.